32003R0162

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 162/2003

ta' 30 ta' Jannar 2003

li jikonċerna l-awtorizzazzjoni ta'xi additiv fl-oġetti ta' l-ikel

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISJONI TAL-KOMMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE ta' 23 ta' Novembru 1970 li tikonċerna ż-żieda fl-oġġetti ta' l-ikel [1], b'hal ma kienet l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kunsill Nru 1756/2002 [2], u partikolarment bl-Artikolu 9 tagħha,

Billi:

(1) Taħt l-Artikolu 2(aaa) tad-Direttiva 70/524/KEE awtorizzazzjonijiet biex ipoġġu fiċ-ċirkulazzjoni l-coccidiostats għandhom jkunu marbutin ma' dik il-persuna li tkun responsabbli għat-tpoġġija tagħhom fiċ-ċirkulazzjoni. Dawn l-awtorizzazzjonijiet jistgħu jingħataw għall-perjodu ta'10 snin basta jitħarsu l-kondizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 3a ta' dik id-diretiva.

(2) L-istima tat-talba għall-awtorizzazzjoni mresqa fil-każ tal-preparazzjoni tal-coccidiostat speċifikat fl-Anness ta' dan ir-regolament, turi li l-kondizzjonijiet riferuti fl-Artikolu 3a ta' d-Direttiva 70/524/KEE huma soddisfatti. Il-preparazzjoni tal-coccidiostat għalhekk tista' tiġi awtorizzat a u mdaħħla fil-Kapitolu I tal-lista ta' oġġetti additivi awtorizzati fl-oġġetti ta' l-ikel riferuti fl-Artikolu 9t(b) ta' dik id-Direttiva..

(3) Il-Kumitat Xjentifiku dwar in-nutrizzjoni ta' l-annimali ta oppinjoni favorevoli rigward is-sigurtà u l-effetti favorevoli fuq il-produzzjonijiet ta' l-annimali tal-preparazzjoni tal-coccidiostat taħt il-kondizzjonijiet preskritti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Food Chain u s-Saħħa ta' l-annimal.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

L-additiv li jappartjeni għall-grupp "Coccidiostats u sustanzi mediċinali oħra" imniżżla fl-Anness ma' dan ir-Regolament huwa awtorizzat bħala additiv biex jintuża fin-nutrizzjoni ta' l-annimal taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-30 ta' Jannar 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 270, ta' l-14.12.1970, p. 1.
[2] ĠU L 265, tat-3.10.2002, p. 1.

L-ANNESS

In-numruu tar-reġistrazzjoni tal-additiv	Isem u r-reġistrazzjoni tal-persuna responsabbli mit-tpp oġġija ta' l-additiv fiċ-ċirkulazzjoni	Additiv (sengha isem)	Komposizzjoni, formula tal-kimiċi, deskrizzjoni	speċi jew kategorija ta' l-annimal	Eta massima	mg tas-sustanza/kg attiva tal-oġġett ta' l-ikel lest		ODisposizzjonijiet oħra	Għeluq il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						Kontenut minimu	Kontenut massimu		
Coccidiostats u sustanzi oħra mediċinali									
E 771	Janssen Saħħa ta' l-Annimali BVBA	Diclazuril 0,5 g/100 g (Clinacox 0,5 % Premix)	**Komposizzjoni tal-additivi:** Diclazuril: 0,5 g/100 g Smida Soybean: 99,25 g/100 g Polyvidone K 30: 0,2 g/100 g Sodium hydroxide: 0,0538 g/100 g	Tiġieġ imkabbra għal	16-il ġimgħa	1	1	—	ta' l-20.1.2013
		Diclazuril 0,2 g/100 g (Clinacox 0,2 % Premix)	Diclazuril: 0,2 g/100 g Smida Soybean: 39,7 g/100 g Polyvidone K 30: 0,08 g/100 g Sodium hydroxide: 0,0215 g/100 g Qamħ imdaqqas: 60 g/100 g						
			Sustanzi attivi: Diclazuril, $C_{17}H_9Cl_3N_4O_2$ (±)4-chlorophenylġ2,6-dichloro-4-(2,3,4,5-tetrahydro-3,5-dioxo-1,2,4-triazin-2-yl)phenylħacetonitrile Numru tas-SAK: 101831-37-2						
			Impurijiet relatati: Kompost degradat (RO64318): ≤ 0,2 % Impuritajiet oħra relatati (RO66891,RO66896, (RO68610, RO70156, RO68584, RO70016): = 0,5 % individwalment Impuritajiet totali: = 1,5 %						